Il-verb *ta*, (*) — li ma jispiċċax bil-*għ* bħall-partiċell[a] *tagħ*—jagħmel *tani*, *tak*, *tah*, *taha*, *tana*, *takom*, *tahom*. [Qabbe[l] *tana* (ta lilna) ma' *tagħna*, *takom* (ta lilhom) ma' *tagħkom*].

Il-pronomi mehmużin jistgħu jiżdiedu ma' kull sura tal-verb *jati-ni*, *jati-k*, *jati-h* etc., *jatu-ni*, *jutu-k*, *jatu-h* etc.

Il-pronom mehmuż tat-tielet persuna, maskil, singular hu -[u] (*kiel-u*) jew *-h* (ta-*h*) iżda mhux *hu* (bħal ma rajna l-fuq) bis[s] isir *-hu* meta wrajh ikollu mehmuża l-preposizzjoni *l* (lil). Da[n] jixhduh kliem bħal: *tamagħ* (T-M-Għ) li jagħmel *tamagħhul[u]* (u għalhekk jinħass tamaħħulu) *ta* li jagħmel *tahulu* (ta-hu-lu) u għalhekk *kiser* għandu jagħmel *kiserhulu*
*ħammeġ* ,, ,, *ħammeġhulu*.

(Ara t-*Tagħrif* faċċ. 100— Għadd 69).

Niftakru wkoll li dal-pronom mehmuż hu *h* u mhux *ħ* għa[x] li fl-aħħar tal-kelma jinħass hekk: *tah*, *ħaduh*, *qatluh*.

### IT-*TE* MARBUTA

Ħafna kliem li minn għalina jispiċċa bil-vokali *a*, insibu[h] li jispiċċa bil-konsonanti *t*, għad li din mhux fit-tiswir kollu ta[l-] kelma tinħass u tinkiteb.

Din igħidulha *He-Te* jew *Te marbuta*, *Eż*: *Alla*, *werq[a]* *kelma*.

Din it-*te* tinħass u tinkiteb quddiem il-pronomi mehmuż[in] (*kelmti*), u fl-aħħar tal-kelma quddiem isem ieħor (*kelmet i[s-]* *sultan*). (Ara t-*Tagħrif* faċċata 69).

Fost il-kliem tal-għadd, il-kelmiet mit-*tlieta* sal-*għaxra* ji[s]piċċaw bit-*t* marbuta.

Għalhekk ħażin jagħmel min jikteb *ħames titfal* jew *ħam[es]* *ti tfal*; għandu jikteb *ħamest itfal* bit-*t* marbuta mal-*ħames*, għ[ax] biċċa minnha, u bl-*i* fil-bidu ta' *tfal* għax vokali tal-leħen.

*Tlieta* u *tmienja* jsiru *tlitt*, *tmint* (itfal)—l-*ie* issir *i* għ[ax] b'aċċent sħiħ.

*Erbgħa*, *sebgħa*, *disgħa* jsiru *erbat*, *sebat*, *disat* (itfal)—bi[la] *għ* mixruba.

*Sitta* ssir *sitt* (itfal)—flok *sittt*. (Ara t-*Tagħrif* faċċ. 84).

[Il-kelma *il* li tidher wara kliem il-għadd mill-*ħdax* sa *dsatâx* ma hix l-artjkolu *il-*, iżda biċċa mill-istess kelma tal-għad[d]. M'għandekx tikteb *dsatax il-xiber* iżda *dsatax-il xiber*. D[an] jidher ċar: għax kieku dik l-*il* kienet l-artikolu kienet tinħa[s] *dsatax ix-xiber*. (Ara t-*Tagħrif* faċċ 87 T. ċ.)] (tissokta)

(*) Il-verb *ta* hu sura mqassra ta' għăta (*j*) = Għ-T-

# INNU (*)

Sliem għalik, Rażûl tal-Gżejjer
mis-Smewwiet dlonk imberkin,
hawn, fuq qabrek, bl-akbar qima
għar-rkobbtejna mixħutin,
naħalfulek li għal-dejjem
mas-Salib nibqgħu mħaddnin.

Aħna wlied Pawlu l-Imqaddes,
u ġejjin mill-bgħid bil-ħrara
li ġieh nâtu ta' l-Insara
lill-Mulej, quddiem kull-ħadd.
Naħalfulu li għal-dejjem
mas-Salib nibqgħu mħaddnin.

Aħna ngħammru Gżira ċkejkna
qalb il-mewġ mill-qerq miftuma,
fejn minn xħin Pietru ġie Ruma
Dîn Ġesù ma nċaħad qatt.
Naħalfulu li għal-dejjem
mas-Salib nibqgħu mħaddnin.

Sliem għalik, Rażûl tal-Gżejjer
mis-Smewwiet dlonk imberkin,
hawn, fuq qabrek, bl-akbar qima
għar-rkobbtejna mixħutin,
naħalfulek li għal-dejjem
mas-Salib nibqgħu mħaddnin.

G. M. A.

(*) Dan l-Innu ġie miktub għall-mawra tal-Għawdxin f'Ruma u mmużikat mis-surmast Ġużè Caruana biex jitkanta mill-pellegrini. Il-mużika tiegħu ingħoġbot ħafna u l-organista ta' San Pawl Barra (Ruma) daqqulhom fuq l-orgni famuż tal-Bażilka u akkompanjahom. Għoġbu tant li talab kopja biex iżommha b'tifkira.